MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 85/2001/1

**ST. GEORGE'S BAY HOTEL LIMITED**

**vs**

**BAY STREET HOLDINGS LIMITED, Bay Street Operations Limited, Bay Street Hotel Complex Limited, u Bay Street Discovery Centre Limited**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fid-19 ta' Jannar, 2001, li bih il-kumpannija attriċi ippremettiet:

Illi s-soċjeta' attriċi hija proprjetarja tat-*trademark* ossia s-sinjal distintiv bin-numru 30548 konsistenti fir-rapprezentazzjoni tal-bini hekk magħruf bħala "Old Villa Rosa", kif jirriżulta aħjar mill-anness dokument intitolat "Notification of Registration" maħruġ mill-Kontrollur tal-Proprjeta' Industrijali datat 5 ta' Lulju 1999 (Dok. A) b'dan għalhekk li konsegwentement l-istanti għandha d-dritt

esklussiv li tuza din il-marka kummerċjalment u relativament għall-oggetti deskritti fl-anness dokument hawn imsemmi;

Illi b'mod abbuziv u illegali, s-soċjetajiet konvenuti jew min minnhom ilhom għal dawn l-aħħar xhur, permezz ta' materjal promozzjonali, inkluz ukoll il-web site: www.baystreet.com.mt, jippromwovu l-Bay Street Hotel u l-kumpless sħiħ ta' Bay Street, billi jagħmlu uzu ta' rapprezetazzjoni tal-bini "Old Villa Rosa" li hija identika u/jew simili ħafna għall-marka jew sinjal distintiv reġistrat f'isem is-soċjeta' attriċi u dan mingħajr il-kunsens jew l-awtorizzazzjoni ta' l-istess soċjeta' attriċi;

Illi kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża dan l-aġir da parti tas-soċjetajiet konvenuti jew minn mnnhom joħloq konfuzjoni u taħwid fis-suq u b'hekk jikkostitwixxi att ta' konkorrenza żleali fil-konfront tas-soċjeta' attriċi kif previst fl-artiklu 32 et seq tal-Kodiċi tal-Kummerċ;

Illi dan l-aġir da parti tas-soċjetajiet konvenuti jew minn minnhom jammonta wkoll għal vjolazzjoni tad-drittijiet tas-soċjeta' attriċi bħala sid reġistrat ta' *trademark* ai termini ta' l-Att ta' l-2000 dwar it-*Trademarks* kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Illi l-konvenuti interpellat diversi drabi biex jieqaf mill-aġir illegali u abbuziv tiegħu baqa' inadempjenti;

Għalhekk is-soċjeta' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex għar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara li s-soċjetajiet konvenuti jew min minnhom bl-aġir tagħhom, bir-reklamar, stampar u distribuzzjoni ta' materjal, fi forma stampata kif ukoll elettroniku, li jinkorpora s-sinjal distintiv tal-Old Villa Rosa, liema sinjal jew *trademark* jappartjeni esklusivament lis-soċjeta' attriċi, jikkostitwixxi għar-ragunijiet premessi konkorrenza żleali u illeċita a tenur tal-artiklu 32 et seq tal-Kodiċi tal-Kummerċ u/jew kontravenzjoni tad-drittijiet tas-soċjeta' attriċi bħala sid reġistrat tat-*trademark* numru

30548 hawn fuq imsemmi u dan a tenr tal-Att XVI tal-2000;

2. Tinibixxi lis-soċjetajiet konvenuti jew min minnhom milli bi kwalunkwe mod jew mezzi jagħmlu kwalunkwe uzu mill-istess rapprezentazzjoni tal-bini “Old Villa Rosa”;

3. Tikkundanna lis-soċjetajiet konvenuti jew min minnhom jikkonsenjaw lill-atturi fi żmien qasir u perentorju li jiġi prefiss mill-Qorti l-materjal kollu li fuqu qed tintuża l-marka ossia sinjal appartenenti lis-soċjeta’ attriċi, kemm materjal stampat jew oġġetti fisiċi kif ukoll materjal ta’ forma elettronika, sabiex dawn jiġu mħassra jew distrutti;

4. Tordna kull rimedju ieħor li jista’ skond iċ-ċirkostanzi jassigura d-dirtttijiet tas-soċjeta’ attriċi, inkluzi dawk ir-rimedji kontemplati fl-Att ta’ l-2000 dwar it-*Trademarks,* partikolarment li s-sinjal kontravenjenti jitħassar, jitneħħa jew jiġi ngassat minn fuq oġġetti, materjal jew ħwejjeg ta’ kwalsiasi forma fil-pussess, kustodja jew kontroll tas-soċjetajiet konvenuti, jew li sseħħ il-qerda ta’ tali oġġetti, materjali jew ħwejjeg involuti;

5. Tikkundanna lis-soċjetajiet konvenuti jew min minnhom iħallsu penali - li ma teċċedix ħames mitt lira (Lm500) - li tiġi stabbilita minn din il-Qorti għat-tenur tal-Artiklu 37 tal-Kodiċi tal-Kummerċ;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti in subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija attriċi, flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

Rat in-Nota mressqa fis-7 ta’ Marzu, 2001, li biha l-kumpanniji mħarrkin eċċepew:

1. Illi preliminarjament, l-intempestivita’ ta’ l-azzjoni odjerna;

2. Illi preliminarjament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, preseduta mill-Onor. Imħallef David Scicluna, ġia kienet ddegretat fid-29 ta’ Jannar, 2001, fl-atti tal-Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 154/01, illi s-soċjeta’ attriċi m’għandhiex il-jeddijiet minnha vantati;

3. Illi preliminarjament ukoll, iċ-ċitazzjoni odjerna hija waħda irrita u għalhekk nulla u bla effett, stante illi bl-ebda mod ma tindika liema mid-diversi kumpanniji, aġixxiet b’mod illegali u abbuziv jew liema minn dawn hija ħatja tal-kontravenzjoni tad-drittijiet tas-soċjeta’ attriċi;

4. Illi di piu’ u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talba attriċi għandha tiġi miċħuda u dan stante illi s- soċjetajiet konvenuti bl-ebda mod m’huma qegħdin jilledu xi dritt tagħha;

5. Illi in meritu u mingħajr preġudizzju għall-premess, il-materjal promozzjonali, s-sinjali, l-web site, u l-oġġetti li għalihom tagħmel referenza s-soċjeta’ attriċi, jikkonsistu biss f’artist impressions, li juru Bay Street Holiday Complex li hi adjaċenti mal-proprjeta’ tas-soċjeta’ attriċi, u għalhekk, biex is-soċjetajiet konvenuti jkunu fidili ma’ dak li fil-fatt jeżisti, ma setgħux jipprezentaw lill-pubbliku in generali stampi li jħallu barra dak li hemm fil-viċinanza tal-kumpless turistiku tagħhom;

6. Illi għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi;

7. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-nota tax-Xiehda tal-kumpanniji mħarrkin;

Rat id-Degriet tagħha tat-13 ta' Marzu, 2001, li bih ordnat illi l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 154/01 jiġu mehmuża mal-atti tal-kawża;

Rat in-Nota mressqa mill-kumpannija attriċi fis-17 ta' Mejju, 2001[1], li biha iddikjarat kif kien beħsiebha tirregola ruħha dwar l-ewwel tliet eċċezzjonijiet preliminari tal-kumpanniji mħarrkin, skond l-ordni mogħti lilha waqt is-smigħ tat-3 ta' Mejju, 2001;

Rat in-nota mressqa mill-kumpannija attriċi waqt is-smigħ tal-14 ta' Ġunju, 2001[2], flimkien mas-seba' (7) dokumenti mehmużin magħha, relattivi għall-eċċezzjonijiet imsemmijin;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Ġunju, 2001, li bih u fuq talba tal-kumpannija attriċi fin-Nota tagħha tas-17 ta' Mejju, 2001, ordnat il-bdil fl-atti tal-kawża[3];

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-ewwel u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari;

Rat id-Degrieti tagħha tas-7 ta' Marzu, 2002, tat-13 ta' Ġunju, 2002, tas-17 t'Ottubru, 2002, tal-20 ta' Frar, 2003, u tat-22 ta' Mejju, 2003 li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari;

Rat l-atti kollha tal-kawża u tal-Mandat ta' Inibizzjoni 154/01;

---

[1] Paġ. 24 tal-proċess
[2] Paġġ. 26 sa 152 tal-proċess
[3] Paġġ. 153-4 tal-proċess

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni dwar konkorrenza sleali u ksur ta' jeddijiet ta' marka ta' kummerċ. Il-kumpannija attriċi tixli lill-kumpanniji mħarrkin, jew lil min minnhom, li qegħdin jużaw sinjal distintiv (li għandha jeddijiet reġistrati fuqu) fir-reklamar ta' materjal pubblikat jew stampat u materjal elettroniku mqassam minnhom. Hija qegħda titlob ukoll li l-imħarrkin jieqfu milli jagħmlu użu mill-imsemmija rappreżentazzjoni, li jgħaddulha f'idejha l-materjal kollu li għandhom b'dak is-sinjal distintiv, li jingħataw mill-Qorti l-ordnijiet li jidhrilha meħtieġa biex iseħħ dan, u li jħallsuha penali kif maħsub fl-artikolu 37 tal-Kodiċi tal-Kummerċ;

Illi għal din l-azzjoni, l-kumpanniji mħarrkin laqgħu billi qegħdin jgħidu li l-azzjoni nbdiet qabel waqtha, li l-Qorti diġa' qatgħetha li ma kellhiex il-jeddijiet li hija tippretendi, li l-att taċ-ċitazzjoni ma jiswiex, u li, fil-mertu, m'huma bl-ebda mod jiksru xi jedd li l-kumpannija attriċi għandha;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata fuq iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari dwar jekk l-att taċ-Ċitazzjoni jiswiex (it-tielet eċċezzjoni) u dwar jekk l-azzjoni saritx f'waqtha (l-ewwel eċċezzjoni). Sejrin jiġu mistħarrġa fl-ordni hawn imsemmi, għaliex huwa naturali li jekk tintlaqa' l-eċċezzjoni tan-nullita' u tal-irritwalita' ma jkunx meħtieġ li tiġi nvestigata l-eċċezzjoni tal-intempestivita';

Illi l-kumpanniji mħarrkin jibnu <u>l-eċċezzjoni li l-att taċ-ċitazzjoni ma jiswiex</u> fuq l-argument li fl-ebda waqt fl-att taċ-Ċitazzjoni ma jingħad min minnhom qiegħed jiġi mixli bl-għamil li minnu tilmenta l-kumpannija attriċi: jgħidu - u hekk hu - li l-ebda waħda minnhom ma hija identifikata speċifikatament jew marbuta ma' xi wieħed mill-egħmejjel inkriminati. Waqt it-trattazzjoni ta' din l-eċċezzjoni quddiem il-Qorti, l-abbli difensur tal-kumpanniji eċċipjenti seħaq li dan juri li tant il-kumpannija attriċi ma tafx lejn min tista' tipponta subgħajha fix-xiljiet tagħha, li fetħet azzjoni indiskriminatament kontrihom ilkoll. Min-naħa tagħha, il-kumpannija attriċi tgħid li, fil-fatt, il-kumpanniji kollha mħarrkin għandhom interessi kummerċjali fil-

pubblikazzjonijiet u r-riklamar li qiegħed isir bi ksur tal-jeddijiet tagħha u kien għalhekk meħtieġ li l-kawża tinfetaħ kontrihom ilkoll;

Illi meta wieħed jgħarbel sewwa l-argument tal-kumpanniji eċċipjenti f'dan ir-rigward, wieħed isib li dan idur fuqu nnifsu bla ma jikseb ir-riżultat li huma jippretendu li għandhom jaslu għalih. Għalkemm huwa minnu li l-ebda waħda mill-kumpanniji mħarrkin ma tissemma b'isimha fil-korp taċ-Ċitazzjoni, il-kumpannija attriċi tagħmilha ċara li hija qegħda tixli lill-kumpanniji kollha li hija ħarrket bl-għamil li minnu hija tilmenta. Daqstant ieħor hija timmira t-talbiet tagħha lejhom ilkoll. Fi kliem ieħor, mill-aspett għal kollox formali tal-att taċ-Ċitazzjoni, l-azzjoni hija magħmula daqslikieku għal kull premessa u għal kull talba jissemmew l-imħarrkin kollha kull darba. Din l-għamla ta' tfassil ta' att ġudizzjarju tiġri kull darba li l-parti attriċi tressaq pretensjonijiet dwar l-istess fatt ġuridiku kontra aktar minn persuna waħda. Ħadd ma jiġih f'moħħu li, f'każ bħal dak, jinsisti li kull fatt jew għamil attribwit lil kull wieħed mill-partijiet imħarrka jew intimati għandu jiġi kategorikament marbut ma' dik il-parti mħarrka jew intimata;

Illi, b'żieda ma' dan il-ħsieb, imbagħad, hemm dak kostitutiv tal-kumpanniji mħarrkin li, minn kif jidher sewwa mill-provi dokumentali mressqin s'issa mill-kumpannija attriċi, huma marbutin sfiq flimkien kemm fil-binja tagħhom u wkoll fil-qasam ta' interessi kummerċjali li jaħdmuu fihom. Biex ikompli jsaħħaħ din il-fehma wieħed jista' jagħmel aċċenn ukoll għall-fatt li l-kumpanniji mħarrkin kollha flimkien ressqu Nota tal-Eċċezzjonijiet waħda. Irid hawn jiġi iċċarat li dan kollu ma jfisser bl-ebda mod li l-Qorti qegħda tiddeċiedi li kull waħda mill-kumpanniji mħarrkin taħti tax-xiljiet magħmulin fil-konfront tagħha mill-kumpannija attriċi; lanqas ma jfisser li l-kumpanniji mħarrkin jagħmlu tajjeb għal xulxin. Kulma qiegħed b'dan jingħad huwa li l-att taċ-Ċitazzjoni kif imfassal ma jistax jitqies li qiegħed jikser xi ħtieġa li trid il-liġi għas-siwi tiegħu. Xejn minn dan kollu m'huwa sejjer jeħles lill-kumpannija attriċi mill-obbligu li, fl-istadju opportun, tipprova dak li qegħda tallega kif imiss u sal-grad

mistenni kontra kull waħda mill-kumpanniji li għoġobha tħarrek;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li huwa minnu tassew li n-nuqqas ta' tħaris ta' element meħtieġ f'att ġudizzjarju huwa wieħed miċ-ċirkostanzi maħsuba fil-liġi biex tintlaqa' l-eċċezzjoni tan-nullita' tal-att jekk ikun ġab lill-parti li titlob in-nullita' preġudizzju li ma jistax jissewwa jekk mhux bit-tħassir tal-att ġudizzjarju li jkun[4]. Madankollu, il-Qorti tifhem ukoll li d-dikjarazzjoni ta' nullita' tal-atti ġudizzjarji hija sanzjoni radikali li għandha tintuża eċċezzjonalment biss u meta ma jistax isir mod ieħor. Fil-każ tal-kumpanniji eċċipjenti, jekk inhuwa minnu li l-ebda kawżali jew l-ebda talba attriċi ma jidher li tagħmel stat fil-konfront ta' xi wħud minnhom, jeżisti rimedju proċedurali li m'huwiex it-tħassir tal-att ġudizzjarju, u dan wara li jiġi mistħarreġ jekk dak li tallega fil-konfront tagħhom il-kumpannija attriċi huwiex minnu jew le. Il-kumpanniji eċċipjenti, bħal xi parti mħarrka oħra li tirriżulta li tkun fl-istess qagħda tagħha ukoll jekk ma qanqlitx l-eċċezzjoni tan-nullita', tista' tinħeles milli tibqa' fil-kawża bla ma l-att jitħassar. In-nuqqas ta' tħaris formali (kieku qatt seħħ f'dan il-każ), għalhekk, ma jkunx nissel fil-parti eċċipjenti preġudizzju li ma jistax jitneħħa jekk mhux bid-dikjarazzjoni li l-att ġudizzjarju ma jiswiex;

Għal dawn ir-raġunijiet l-eċċezzjoni preliminari tal-irritwalita' u tan-nullita' ma tirriżultax mistħoqqa u sejra tiġi mwarrba;

Illi dwar <u>l-eċċezzjoni tal-intempestivita'</u> il-kumpanniji mħarrkin jgħidu li l-kumpannija ma kinitx talbithom dak li qegħda titlobhom isa f'din il-kawża qabel ma fetħet il-kawża. Jgħidu għalhekk li l-azzjoni saret qabel waqtha. Għal dan, il-kumpannija attriċi irribattiet billi ressqet prova dokumentali li qabel ma nfetħet il-kawża kienet bagħtet kemm ittra uffiċjali[5] u kif ukoll ittra interpellatorja bonarja[6] biex titlob li jitwaqqfu dawk li kienet tqishom bħala abbużi

[4] Ara art. 789(1)(ċ) tal-Kap 12
[5] Dok "1", datata 19 ta' Diċembru, 2000, f'paġġ. 27-9 tal-proċess
[6] Dok "2", datata 9 ta' Jannar, 2001, f'paġġ. 32-3 tal-proċess

bi ħsara għaliha. Huwa dwar dawn l-abbużi li l-kawża nfetħet;

Illi tali eċċezzjoni, li hija waħda ta' natura dilatorja u għalhekk i għandha titqajjem u tiġi mistħarrġa fil-bidu tal-kawża[7]. M'hemmx għalfejn jingħad li f'dan il-każ il-piż tal-prova jaqa' fuq l-imħarrkin fuq il-massima li *reus in excipiendo fit actor*, u huma meħtieġa l-istess provi fi grad tali li ssoltu jaqa' fuq attur dwar il-pretensjonijiet tiegħu[8]. Minbarra dan, minħabba li l-effett ta' eżitu favorevoli għal eċċezzjoni ta' intempestivita' huwa dak li jeħles lill-parti mħarrka milli tibqa' iżjed fil-kawża, bil-jedd tal-parti attriċi li terġa' tibda proċedura meta jgħaddi t-terminu li kien ingħata, l-eċċezzjoni trid tintlaqa' meta tassew tkun pruvata u dan fuq il-massima li azzjoni tiġi salvata jekk dan huwa possibbli. B'żieda ma' dan, huwa wisq possibbli li, f'kwża bħal din li għandha quddiemha l-Qorti llum, jidħlu fis-seħħ ir-regoli tal-*Jus Superveniens*[9];

Illi ladarba l-bażi tal-azzjoni attriċi m'hijiex dik kontrattwali fejn il-kostituzzjoni in mora qegħda tintalab, u fejn l-interpellazzjoni b'att ġudizzjarju hija stabilita mil-liġi, joħroġ li kull għamla ta' interpellazzjoni pruvata sservi biex twissi lill-kumpanniji mħarrkin bin-nuqqas lilhom attribwit. Issa mill-provi mressqa jirriżulta li fir-rigward ta' tliet mill-erba' kumpanniji mħarrkin saret żgur interpellazzjoni f'għamla jew f'oħra bil-miktub. Minbarra dan, ir-rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni għandu bħala intimati lill-erba' kumpanniji mħarrkin, u l-erba' li huma rċevew l-atti bit-talba speċifika li huma jieqfu milli jissoktaw bl-għamil li l-kumpannija attriċi (dak inhar rikorrenti) kienet qegħda tilmenta minnu. Il-kumpanniji mħarrkin laqgħu kollha n-notifika tal-att taċ-Ċitazzjoni fl-20 ta' Frar, 2001[10], jiġifieri wara li r-rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni kien dekretat u għalhekk trattat[11]. Għalhekk ma jistax jingħad mingħajr tiġbid bla bżonn li meta tressqet kien għad

[7] Ara Kumm. **28.5.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Ellul*** (Kollez. Vol: **XLIX.iii.1161**)
[8] Ara P.A. **18.2.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Ricci vs Latzen*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.745**)
[9] Ara P.A. **7.10.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat vs Valenzia noe*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.1177**)
[10] Ara riferta f'paġ. 11 *tergo* tal-proċess
[11] Il-mandat inħareġ għan-notifika fil-25 ta' Jannar, 2001, u l-intimati kollha laqgħu notifika tiegħu dak inhar stess, bħalma kollha kemm huma ressqu Risposta flimkien, kif għamlu f'din il-kawża

hemm xiħadd mill-kumpanniji mħarrkin li ma kienx għadu jaf minn xiex kienet qegħda tilmenta l-kumpannija attriċi;

Għalhekk, hawn ukoll, il-Qorti ma ssibx li l-eċċezzjoni tal-intempestivita' hija mistħoqqa u sejra wkoll twarrabha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tal-kumpanniji mħarrkin u tiddikjara li l-azzjoni attriċi tressqet f'waqtha;

**Tiċħad ukoll it-tielet eċċezzjoni** billi din m'hijiex mistħoqqa fid-dritt u fil-fatt, u tiddikjara li l-att taċ-Ċitazzjoni jiswa;

**Tikkundanna** lill-kumpanniji mħarrkin iħallsu l-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bil-ġbir tal-provi fil-mertu.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------